# QORTI ĊIVILI

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Illum, it-Tlieta,**
**Ħamsa u għoxrin (25) ta’ Ottubru 2022**

**Mandat ta’ Inibizzjoni Numru 1265/2022 FDP**

Fl-ismijiet

**Wallace Falzon (ID 121880M)**

**Vs**

**Noel Falzon (ID 28289M)**
**u**
**Joseph Falzon (ID 237583M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat il-Mandat ta’ Inibizzjoni ppreżentat fid-29 ta’ Settembru 2022 minn **Wallace Falzon** kontra ħutu l-intimati Noel u Joseph Falzon fejn talab lil dina l-Qorti sabiex iżżomm lill-intimati milli:

   *B’xi mod ibiegħu, jittrasferixxu, jassenjaw jew b’xi mod ieħor jiddisponu jew jaggravaw b’xi piż jew dejn u/jew jikkonċedu kwalsiasi dritt, kemm reali kif ukoll personali, is-segwenti propjeta’ immobbli:*

   1. *Nofs (1/2) indiviż ta’ żewġ showrooms bla numru pero jisimhom J. Falzon & Sons, li jinsabu fl-ewwel sular u fit-tieni sular sovrapposti għal xulxin u da parti tagħhom sottoposti showroom ieħor propjeta’ tal-kumpanija Beraq Limited, fl-Imsida Valley Road, Birkirkara;*

   2. *Nofs (1 /2) indiviż tat-tlett appartamenti mhux uffiċċjalment indikati bħala numru wieħed, tnejn u erbgħa (1,2,4) u l-arja sovrastanti, kollox formanti parti mill-blokk ta’ appartamenti bla numru uffiċċjali pero bl-isem Joanne Flats’ fi Triq il-Kostituzzjoni, Mosta u l-arja sovrastanti;*

3. *Nofs (1 /2) indiviż tal-blokk ta’ appartamenti bla numru pero bl-isem Dad’s Court’, fi Triq l-Imħar, il-Qawra, konsistenti fi tnax-il appartament u żewġ penthouses u kumpless ta’ erba’ garaxxijiet fil-livell tas-semi basement;*

2. Rat illi fid-29 ta’ Settembru 2022, il-Mandat ta’ Inibizzjoni ġie milqugħ provviżorjament filwaqt illi appuntatu għas-smigħ għas-6 ta’ Ottubru 2022.

3. Rat illi fis-6 ta’ Ottubru 2022, l-intimati kienu għadhom mhux notifikati, u għalhekk il-kawża giet differita għall-20 ta’ Ottubru 2022.

4. Rat ir-risposta ta’ **Noel Falzon** u **Joseph Falzon**, flimkien ma’ dokumentazzjoni, ippreżentata fil-11ta’ Ottubru 2022.

5. Semgħet it-trattazzjoni ta’ l-abbli difensuri tal-partijiet illi saret fl-20 ta’ Ottubru 2022.

6. Rat illi fis-seduta tal-20 ta’ Ottubru 2022, l-abbli difensuri tal-partijiet għarrfu s-segwenti lill-Qorti:

   (1) Li ġia hemm kawża bejn il-partijiet dwar diviżjoni ta’ propjeta fl-istess ismijiet, quddiem dina l-Qorti, Nru 860/2022.

   (2) Li hemm kawża oħra, intavolata mill-intimati kontra r-rikorrent u omm il-partijiet, Anna Falzon, pendenti quddiem Qorti oħra.

   (3) Illi l-propjetajiet kollha indikati fil-Mandat ta’ Inibizzjoni, huma propjeta indizia tal-partjiet kwantu għal nofs indiviż, li kien is-sehem ta’ missierhom, filwaqt illi n-nofs indiviż l-ieħor huwa ta’ omm il-partijiet, Anna Falzon.

   (4) Illi Anna Falzon tgadwi l-użufrutt fuq il-propjetajiet kollha indikati fil-Mandat ta’ Inibizzjoni.

   (5) Illi Wallace Falzon ma għandu ebda oġġezzjoni illi omm il-partijiet, Anna Falzon, tkompli tikri l-propjetajiet imsemmija fil-Mandat ta’ Inibizzjoni w l-intiża tar-rikorrent kien unikament sabiex iżomm lill-intimati milli jidħlu f’kuntratti ġodda għal dak li jirrigwarda l-propjeta indikata, u mhux illi jitwaqqfu l-kuntratti viġenti.

7. Jirriżulta, għalhekk, illi in vista ta’ tali kjarifiki, kif ukoll tal-fatt illi l-partijiet kollha huma lkoll sidien flimkien tal-propjeta indikata, il-Qorti ma tara ebda raġuni għaliex ma għandhiex tilqa’ l-Mandat ta’ Inibizzjoni, kif redatt.

**Deċiżjoni finali**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti ppreżentati quddiemha u s-sottomissjonijiet ta’ l-abbli difensuri tal-partijiet u wara illi għamlet il-konsiderazzjonijiet fuq premessi;

Tiddeċiedi t-talba magħmula fid-29 ta' Settembru 2022 billi:

**Tilqa'** t-talba għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni kif propost.

Spejjeż tal-proċeduri odjerni jkunu a kariku ta' l-intimati in solidum bejniethom.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**